# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru wieħed u sebgħin (71) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2016 fis-18.11pm fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti: | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Is-Sindku ppresediet is-seduta u qalet it-talba

71.01 Il-minuti tas-seduta numru sebgħin sarulhom il-korrezzjonijiet li ppoponew il-kunsillieri u kienu proponuti minn Grace Marie Mallia u sekondati minn Anita Farrugia u ġew approvati b'mod unanimu.

71.02.01 Kien deċiż illi l-laqgħa li jmiss tal-KLM issir nhar is-17 ta' Jannar 2017 fis-6.00pm.

71.02.02 Is-Sindku tat aktar tagħrif dwar il-kuntatt li kellha mal-Perit Matthew Briffa ta' Transport Malta dwar l-asfaltar ta' Triq George Martin.

71.02.03 Is-Sindku qalet illi minn informazzjoni li għandha minn *Transport Malta*, jidher illi dawn se jwaħħlu d-dwal taż-*zebra crossing* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija k/m Pjazza Ġublew tad-Djamanti u se jwaħħlu *traffic lights* fl-istess triq viċin Triq il-Qattara.

71.02.04 Il-KLM iddeċieda illi jiftaħ il-ħinijiet tal-*answering machine* biex il-pubbliku jkun jista' jaqbad magħna fuq it-telefon sa siegħa oħra wara l-ħin tal-4.00pm.

71.02.05 Is-Sindku tat ordni biex jinqalgħu il-*u-bars* u jitneħħew il-qsari mit-triq fil-pjazzetta ta' quddiem il-Kappella tad-Duluri.

71.03.01 Il-KLM iddeċieda illi m'hux se jħallas għall-ispejjeż ta' ħsarat f'vettura li baqgħet nieżla fi Triq Ħal Farruġ f'ħofra li ttaqbet minħabba li saret trinka minn *Go plc* u l-kuntrattur ma asfaltax l-istess trinka bil-hot asphalt, iżda ħalliha bil-konkos li nqala' mal-ewwel xita. Is-SE se javża lil dan ir-resident bl-eżodu ta' dan kollu.

71.03.02 Is-Sindku semmiet illi viċin ta' Kandja fi Triq is-Siġġiewi, jinħtieġ illi jsir il-*patching* għaliex inqalgħu tliet ħofriet kbar.

71.04 Il-kunsillieri kellhom kliem ta' tifħir għall-*party* tat-tfal u r-*Rockmass*.

71.05 Is-Sindku tkellmet fuq l-inviti tal-ftuħ tal-Ġnien tal-Madonna tal-Ġilju.

71.06 Il-KLM iddeċieda li jagħmel l-ikla annwali tiegħu nhar is-7 ta' Jannar 2017 Is-SE kien mitlub jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiżdiedu t-*tresholds* tal-ikla tal-Milied peress li l-ikla ta' Jum il-lokalita' ma saritx.

71.07 Kienu meħuda bħala moqrija iċ-ċirkularijiet imsemmija fl-agenda u li kienu mgħoddijin lill-kunsillieri permezz ta' e-mails.

71.08 Mil-korrispondenza kien deċiż illi l-KLM jiftaħ paġna uffiċjali ta' *Facebook* mingħajr ma jagħti ċ-ċans lill-pubbliku jgħaddi l-kummenti/l-ilmenti tiegħu tramite' dan is-sit. L-aċċess se jkun f'idejn is-Sindku u s-SE.

71.09 Se nwieġbu għall-korrispondenza tas-Sur Cilia Vincenti, fejn dan qed jilmenta illi t-trakkijiet qed jolqtulu l-faċċata tad-dar tiegħu fi Triq Valletta.

71.10 Se ngħaddu l-każ ta' resident fi Triq il-Lanġasa lill-Pulizija peress li xi ħadd mhux awtorizzat qed imur jiżbogħ il-linja s-safra biż-żebgħa sewda fuq dik safra li għamel il-KLM. Dan sabiex dawn jimmoniterjaw il-każ ta' aġir suspettuż u illegalita'.

71.11 Il-KLM approva ċ-ċedola tal-pagamenti numru 525.

71.12 Il-laqgħa ntemmet fis-1935hr.

Anthony Bonello approvati 17/1/2017 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Ezekuttiv Sindku